Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 14 ta' Novembru 2023**

**Kumpilazzjoni Numru 692/2023**

**Ir-Repubblika Ta' Malta**

**Versus**

**Samuel Farrugia**
**(496296M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Samuel Farrugia**, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 496296M;

Akkużat talli fil-gżejjer Maltin bejn ix-xhur ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) sal-għaxar (10) jum ta' Mejju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda talli:

1. Mingħajr awtorizzazzjoni uża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex jidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew uża, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk liema reat sar f'xi post minn impjegat bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat;
2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi mingħajr awtorizzazzjoni għamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun liema reat sar f'xi post minn impjegat bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat;

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi mingħajr awtorizzazzjoni tiegħu pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom liema reat sar f'xi post minn impjegat bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat;

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi mingħajr awtorizzazzjoni kixef xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm-il darba dan ma jkunx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha jew b'xi liġi oħra liema reat sar f'xi post minn impjegat bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat;

5. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li jkun ġie fdat lilu jew li kien ġie magħruf minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, u illi għandu jibqa' sigriet jew illi b'xi mod għen biex jiġi magħruf liema reat sar minn uffiċjal jew impjegat pubblika;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku, għamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ir-Rikors kongunt tal-partijiet ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess

Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 133, 141, 337C(1)(a)(b)(f)(j)(2)(3)(4), 337F u 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat Samuel Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' hmistax-il elf Euro (€ 15,000).**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**